MT 2018 Nru 35

Rapport Speċjali

# Trasparenza fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE mill-NGOs: jeħtieġ li jsiru aktar sforzi

(skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE)

CURIA RATIONUM
IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI

**TIM TAL-AWDITJAR**

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma speċifiċi tal-baġit. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla V tal-Awditjar, Finanzjament u Amministrazzjoni tal-Unjoni, li hija mmexxija minn Lazaros S. Lazarou, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Annemie Turtelboom, Membru tal-QEA, li ngħatat appoġġ minn Dennis Wernerus, Kap tal-Kabinett; Sabine Hiernaux-Fritsch, Maniġer Priniċpali; Roberto Ruiz Ruiz, Kap tal-Kompitu; Eva Maria Coria Paramas, Erika Katalin Söveges, Maria-Luisa Gomez Valcarcel u Francesco Zoia Bolzonello, Awdituri. Hannah Critoph ipprovdiet appoġġ lingwistiku.



*Mix-xellug għal-lemin:* Hannah Critoph, Roberto Ruiz Ruiz, Annemie Turtelboom, Erika Katalin Söveges, Dennis Wernerus.

WERREJ

| | Paragrafu |
|---|---|
| Akronimi u abbrevjazzjonijiet | |
| Sommarju eżekuttiv | I - IX |
| Introduzzjoni | 1 - 7 |
| Il-kunċett ta’ NGO | 1 - 2 |
| L-NGOs u l-finanzjament mill-UE | 3 - 5 |
| Il-kunċett ta’ trasparenza | 6 - 7 |
| Ambitu u approċċ tal-awditjar | 8 - 17 |
| Osservazzjonijiet | 18 - 62 |
| L-identifikazzjoni ta’ entitajiet bħala NGOs, min-naħa tal-Kummissjoni, fis-sistemi tagħha mhijiex affidabbli | 18 - 27 |
| Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-eliġibbiltà tal-finanzjament mill-UE ma tiddependix mill-istatus tal-NGOs | 19 - 20 |
| Il-Kummissjoni twettaq kontrolli limitati fuq l-entitajiet li jiddikjaraw lilhom infushom bħala NGOs meta tkun qed tirreġistrahom fis-sistema kontabilistika | 21 - 27 |
| Fil-qasam tal-azzjoni esterna, l-għażla ta’ proġetti mmexxija mill-NGOs kienet kumplessivament trasparenti, iżda kellha ċerti nuqqasijiet meta kienet titwettaq minn partijiet terzi | 28 - 39 |
| L-għażla, imwettqa mill-Kummissjoni, ta’ proġetti mmexxija mill-NGOs kienet ġeneralment trasparenti | 28 - 33 |
| It-trasferiment ta’ fondi permezz ta’ sottogħotjiet lil partijiet terzi bi status ta’ NGO xi kultant kellu nuqqas ta’ trasparenza | 34 - 39 |
| Il-Kummissjoni mhux dejjem tiġbor u tivverifika b’mod xieraq l-informazzjoni dwar il-fondi tal-UE implimentati mill-NGOs | 40 - 49 |
| Is-sistemi tal-Kummissjoni mhux dejjem jirreġistraw l-informazzjoni dwar il-fondi riċevuti mill-benefiċjarji kollha ta’ kuntratt | 41 - 42 |

Fil-qasam tal-azzjoni esterna, il-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni komprensiva dwar l-NGOs kollha li ġew appoġġati 43 - 47

Fil-qafas ta’ ġestjoni indiretta, in-nuqqas ta’ informazzjoni disponibbli xekkel il-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni fuq l-ispejjeż iddikjarati 48 - 49

L-informazzjoni dwar il-fondi tal-UE implimentati mill-NGOs tiġi ppubblikata f’bosta sistemi, iżda l-informazzjoni ddivulgata hija limitata 50 - 62

L-informazzjoni dwar il-kuntratti li jiġu konklużi ma’ NGOs tiġi ppubblikata fis-Sistema ta’ Trasparenza Finanzjarja, iżda hija inkompleta 51 - 56

L-informazzjoni dwar l-għajnuna umanitarja u l-għajnuna għall-iżvilupp tiġi ġeneralment iddivulgata f’konformità mal-istandards internazzjonali ta’ trasparenza 57 - 60

Il-korpi tan-NU ppubblikaw informazzjoni inadegwata dwar il-kuntratti konklużi mal-NGOs 61 - 62

KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET 63 - 74

Anness I - Proġetti awditjati taħt ġestjoni diretta

Anness II - Proġetti awditjati taħt ġestjoni indiretta

Anness III - Valutazzjoni tal-proġetti individwali - Stampa ġenerali

Risposta tal-Kummissjoni

**AKRONIMI U ABBREVJAZZJONIJIET**

| | |
|---|---|
| ABAC | Sistema tal-kontabbiltà abbażi tad-dovuti tal-Kummissjoni |
| CORDIS | Servizz Komunitarju ta’ Informazzjoni dwar ir-Riċerka u l-Iżvilupp |
| CRIS | Sistema Komuni ta’ Informazzjoni dwar ir-Relazzjonijiet Esterni |
| DĠ BUDG | Direttorat Ġenerali għall-Baġit |
| DĠ EAC | Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura |
| DĠ DEVCO | Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp |
| DĠ ECHO | Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej |
| DĠ ENV | Direttorat Ġenerali għall-Ambjent |
| DĠ NEAR | Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir |
| DĠ RTD | Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni |
| EACEA | Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura |
| EASME | Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji |
| EDRIS | Sistema ta' Informazzjoni Ewropea għar-Reazzjoni f'Każ ta' Diżastri |
| ERCEA | Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew għar-Riċerka |
| FEŻ | Fond Ewropew għall-Iżvilupp |
| IATI | Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna |
| NGO | Organizzazzjoni nongovernattiva |
| OECD | Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi |
| OSĊ | Organizzazzjoni tas-soċjetà ċivili |
| PADOR | Sistema ta’ Reġistrazzjoni Online tad-*Data* tal-Applikanti Potenzjali |
| QFP | Qafas finanzjarju pluriennali |
| REA | Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka |
| STF | Sistema ta’ Trasparenza Finanzjarja |
| UNICEF | Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għat-Tfal |

**SOMMARJU EŻEKUTTIV**

I. Il-Kummissjoni timplimenta rata stmata ta’ 1.7 % tal-baġit tal-UE u 6.8 % tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp (FEŻ) permezz ta’ NGOs. F’ħafna oqsma ta' politika, bħall-għajnuna umanitarja u l-għajnuna għall-iżvilupp, l-ambjent, kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-NGOs jassistu lill-Kummissjoni biex tfassal, timplimenta u timmonitorja l-programmi tal-UE. Matul il-perjodu 2014-2017, il-Kummissjoni impenjat ammont stmat ta’ EUR 11.3 biljun biex jiġu implimentati mill-NGOs. Il-Parlament Ewropew spiss esprima l-interess tiegħu fl-NGOs u fil-finanzjament tagħhom.

II. L-objettiv tal-awditu tagħna kien li jivvaluta t-trasparenza tal-fondi tal-UE li kienu s-suġġett ta’ kuntratti mal-NGOs. Aħna vvalutajna l-identifikazzjoni ta’ entitajiet bħala NGOs, min-naħa tal-Kummissjoni, fuq xiex jintnefqu l-fondi tal-UE li ġew implimentati minn dawn tal-aħħar, u jekk il-Kummissjoni ddivulgatx din l-informazzjoni b’mod trasparenti. Aħna koprejna l-oqsma ta' politika prinċipali li fihom l-NGOs jimplimentaw il-fondi tal-UE, billi ffukajna b’mod partikolari fuq il-qasam l-aktar importanti, l-azzjoni esterna.

III. Aħna kkonkludejna li l-Kummissjoni ma kinitx trasparenti biżżejjed f’dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE mill-NGOs.

IV. Il-klassifikazzjoni ta’ entità bħala NGO mhix affidabbli, peress li l-assenjazzjoni tal-istatus tagħha fis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni hija bbażata fuq awtodikjarazzjonijiet, u l-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni huma limitati.

V. Fir-rigward tal-azzjoni esterna, aħna sibna li l-għażla tal-Kummissjoni fir-rigward ta’ proġetti mmexxija mill-NGOs kienet ġeneralment trasparenti. Madankollu, id-diversi dipartimenti tal-Kummissjoni ma applikawx il-proċeduri ta’ sottogħotjiet bl-istess mod, u l-proċeduri tal-għażla li l-korpi awditjati tan-NU applikaw għall-NGOs mhux dejjem kienu trasparenti.

VI. L-informazzjoni miġbura dwar il-fondi tal-UE implimentati mill-NGOs mhijiex uniformi. B’mod partikolari, fil-qasam tal-azzjoni esterna, il-Kummissjoni ma kellhiex informazzjoni komprensiva. Dan seħħ prinċipalment fil-każ tan-netwerks ta’ NGOs internazzjonali u tal-proġetti taħt ġestjoni indiretta. Barra minn hekk, fil-qafas ta’ ġestjoni indiretta, in-nuqqas ta’

informazzjoni disponibbli xekkel il-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni fuq l-ispejjeż iddikjarati.

VII. L-informazzjoni dwar il-fondi tal-UE implimentati mill-NGOs tiġi ppubblikata f’bosta sistemi, iżda l-informazzjoni ddivulgata hija limitata. Fil-qasam tal-azzjoni esterna, il-Kummissjoni ġeneralment irrappurtat *data* dwar l-għajnuna umanitarja u l-għajnuna għall-iżvilupp f’konformità mal-istandards internazzjonali ta’ trasparenza.

VIII. F’ħamsa mis-sitt proġetti awditjati, il-korpi tan-NU jew ma ppubblikawx il-kuntratti konklużi mal-NGOs, jew inkella ppubblikawhom biss parzjalment, u l-Kummissjoni ma vverifikatx jekk il-korpi tan-NU kinux issodisfaw dan ir-rekwiżit.

IX. Fuq il-bażi tal-osservazzjonijiet li saru f’dan ir-rapport, aħna fformulajna għadd ta’ rakkomandazzjonijiet biex tittejjeb it-trasparenza tal-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE mill-NGOs. Aħna nirrakkommandaw li l-Kummissjoni:

(a) ittejjeb l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar l-NGOs fis-sistema kontabilistika tagħha;

(b) tivverifika l-applikazzjoni tar-regoli u tal-proċeduri li jirrigwardaw is-sottogħotjiet lill-NGOs;

(c) ittejjeb l-informazzjoni miġbura dwar il-fondi implimentati mill-NGOs; u

(d) tadotta approċċ uniformi għall-pubblikazzjoni ta’ dettalji dwar il-fondi pprovduti lill-NGOs u tivverifika li l-korpi tan-NU jippubblkaw *data* kompleta u preċiża dwar il-kuntratti li jiġu konklużi mal-NGOs bl-użu ta’ finanzjament mill-UE.

## INTRODUZZJONI

### *Il-kunċett ta' NGO*

1. L-interess fit-trasparenza tal-NGOs u fil-finanzjament tagħhom qed jiżdied. Pereżempju, il-Parlament Ewropew diġà ħareġ bosta studji dwar dan is-suġġett[1] u "abbozz ta' rapport dwar kontroll baġitarju tal-finanzjament ta' NGOs mill-baġit tal-UE"[2].

2. L-organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs) huma atturi importanti fl-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE. Il-Kummissjoni taħdem flimkien mal-NGOs, fost sħab oħra, biex tfassal, timplimenta u timmonitorja programmi f'ħafna oqsma ta' politika tal-UE. B'mod partikolari, dan huwa l-każ fl-oqsma tal-għajnuna għall-iżvilupp u l-għajnuna umanitarja, iżda wkoll f'oqsma oħra bħall-ambjent, ir-riċerka, l-edukazzjoni u l-kultura. Madankollu, attwalment ma hemmx definizzjoni ta' NGO li hija komuni fil-livell tal-UE (ara l-***Kaxxa 1***).

**Kaxxa 1 – X'inhi NGO?**

Minkejja li t-terminu "NGO" jintuża ħafna, ma hemmx definizzjoni li hija aċċettata b'mod ġenerali fil-livell internazzjonali[3]. Fi ħdan l-UE, l-istatus ta' NGO jiġi ddeterminat, f'xi wħud mill-Istati Membri,

---

[1] Id-Direttorat Ġenerali għall-Politiki Interni tal-Parlament Ewropew, EU financing for NGOs in the area of home affairs, security and migration (Finanzjament mill-UE għal NGOs fil-qasam tal-affarijiet interni, is-sigurtà u l-migrazzjoni); is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, Financial accountability of civil society organisations (Obbligu ta' rendikont finanzjarju tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili), Mejju 2015; id-Dipartiment għall-Politiki tal-Affarijiet Baġitarji tal-Parlament Ewropew, Democratic Accountability and Budgetary Control of non-Governmental Organisations Funded by the EU Budget (Obbligu ta' Rendikont Demokratiku u Kontroll Baġitarju ta' Organizzazzjonijiet Nongovernattivi Ffinanzjati mill-Baġit tal-UE), Jannar 2017.

[2] L-"Abbozz ta' Rapport dwar kontroll baġitarju tal-finanzjament ta' NGOs mill-baġit tal-UE" (2015/2345(INI) jistieden lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri biex tħejji rapport speċjali dwar it-trasparenza tal-finanzjament mill-UE għal NGOs.

[3] L-organizzazzjonijiet internazzjonali jużaw definizzjonijiet differenti. Pereżempju, in-Nazzjonijiet Uniti (NU) tiddeskrivi NGO bħala grupp ta' ċittadini volontarji, mingħajr skop ta' qligħ u li huwa organizzat fil-livell lokali, nazzjonali jew internazzjonali (https://outreach.un.org/ngorelations/content/about-us-0).

mill-forma ġuridika ta' organizzazzjoni, filwaqt li f'oħrajn dan jiddependi min-natura tal-attivitajiet li jitwettqu.

F'Komunikazzjoni tal-1997, il-Kummissjoni identifikat ħames karatteristiċi tal-NGOs[4]. Dawn huma: (1) organizzazzjonijiet volontarji li għandhom eżistenza formali jew istituzzjonali; (2) mingħajr skop ta' qligħ; (3) indipendenti mill-awtoritajiet tal-gvern u dawk pubbliċi; (4) mhumiex immaniġġjati għall-gwadann personali; u (5) l-attivitajiet tagħhom iridu jikkontribwixxu, tal-inqas parzjalment, għall-ġid pubbliku.

***L-NGOs u l-finanzjament mill-UE***

3. L-NGOs jirċievu l-biċċa l-kbira mill-fondi tal-UE fil-kapaċità tagħhom bħala atturi inkarigati mill-implimentazzjoni meta jwettqu programmi u proġetti f'isem il-Kummissjoni[5]. Huma jistgħu jkunu wkoll il-benefiċjarji finali ta' azzjoni tal-UE, pereżempju fi programmi li jsaħħu s-soċjetà ċivili.

4. Skont is-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni (ABAC), il-fondi impenjati biex jiġu implimentati mill-NGOs kienu jammontaw għal EUR 11.3 biljun għall-perjodu 2014-2017 (ara l-***Figura 1***). Madankollu, din hija biss stima, bħalma jiġi indikat b'mod ċar fit-taqsima tal-osservazzjonijiet li tinsab f'dan ir-rapport.

[4] COM(1997) 241 final tas-6.6.1997, "Promoting the role of voluntary organisations and foundations in Europe" (Promozzjoni tar-rwol tal-organizzazzjonijiet u l-fondazzjonijiet volontarji fl-Ewropa), il-paragrafu 2.3, il-punti a-e.

[5] L-għotjiet ta' azzjoni kienu jirrappreżentaw 95 % tal-fondi li kienu s-suġġett ta' kuntratti mal-NGOs fil-Baġit Ġenerali tal-UE (EUR 6.3 biljun minn total ta' EUR 6.6 biljun) fil-perjodu 2014-2016.

**Figura 1 – Fondi tal-UE impenjati għall-NGOs, 2014-2017, skont is-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni**

| Intestaturi tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u Fondi Ewropej għall-Iżvilupp | | Ammonti impenjati għall-NGOs Perjodu: 2014-2017 (f'miljun EUR) | Total tal-ammonti impenjati Perjodu: 2014-2017 (f'miljun EUR) | Perċentwal tal-ammonti impenjati għall-NGOs |
|---|---|---|---|---|
| 1.1 | Tkabbir Intelliġenti u Inkluživ/Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi | 4 032 | 79 909 | 5,05% |
| 1.2 | Tkabbir Intelliġenti u Inkluživ/Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 19 | 209 214 | 0,01% |
| 2 | Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali | 248 | 241 044 | 0,10% |
| 3 | Sigurtà u ċittadinanza | 350 | 12 793 | 2,74% |
| 4 | Ewropa Globali | 5 448 | 40 978 | 13,29% |
| - | Fondi Ewropej għall-Iżvilupp | 1 217 | 17 833 | 6,82% |
| | **Total** | **11 314** | **601 771** | **1,88%** |

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq id-*data* pprovduta mid-DĠ BUDG.

5. Skont l-ABAC, il-biċċa l-kbira mill-fondi tal-UE allokati għall-NGOs huma maħsuba għall-azzjoni esterna. F'dan il-qasam, l-NGOs jirċievu fondi taħt l-Intestatura 4 – Ewropa Globali, tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) u mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ara l-***Figura 1***). Is-servizzi kkonċernati tal-Kummissjoni huma d-Direttorat Ġenerali għall-Kooperazzjoni Internazzjonali u l-Iżvilupp (DĠ DEVCO), id-Direttorat Ġenerali għall-Viċinat u n-Negozjati għat-Tkabbir (DĠ NEAR), id-Direttorat Ġenerali għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja Ewropej (DĠ ECHO) u s-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija (FPI) (ara l-***Figura 2***).

**Figura 2 – Fondi impenjati għall-NGOs, skont is-servizz tal-Kummissjoni, 2014-2017**

| Servizzi tal-Kummissjoni | Ammonti impenjati għall-NGOs Perjodu: 2014-2017 (f'miljun EUR) |
|---|---|
| DĠ ECHO | 2 904 |
| DĠ DEVCO | 2 768 |
| DĠ RTD | 884 |
| DĠ EAC | 875 |
| ERCEA | 824 |
| DĠ NEAR | 783 |
| REA | 452 |
| OĦRAJN* | 1 824 |
| **Total** | **11 314** |

* CNECT, IEEA, INEA, FPI, EACEA, ENV, EMPL, JUST, GROW, HOME, ENER, PHAE, FISMA, OĦRAJN

*Sors:* Il-QEA, ibbażat fuq id-*data* pprovduta mid-DĠ BUDG.

***Il-kunċett ta' trasparenza***

6. It-trasparenza hija wieħed mill-prinċipji baġitarji stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-UE. Dan jirrikjedi li l-Kummissjoni tqiegħed għad-dispożizzjoni, b'mod xieraq u f'waqtu, informazzjoni dwar ir-riċevituri ta' fondi tal-UE, inkluż meta dawn il-fondi jkunu jappoġġaw azzjonijiet implimentati mill-NGOs[6]. Minn perspettiva aktar ġenerali, it-trasparenza għandha tkopri l-proċess kollu kemm hu u l-livelli kollha tal-implimentazzjoni, mill-għażla ta' azzjonijiet immexxija mill-NGOs, sal-ġbir ta' informazzjoni dwar dawn l-azzjonijiet u d-divulgazzjoni tagħha.

7. Barra minn hekk, fil-qasam tal-azzjoni esterna, it-trasparenza hija wieħed mill-prinċipji ewlenin u li ilhom jeżistu li jirfdu l-effettività tal-għajnuna għall-iżvilupp. It-titjib tat-trasparenza fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jsaħħaħ ukoll il-koordinazzjoni tad-donaturi u l-obbligu ta' rendikont tal-benefiċjarji kollha, inklużi l-NGOs (ara l-***Kaxxa 2***).

**Kaxxa 2 – Trasparenza fil-qasam tal-azzjoni esterna**

L-UE approvat l-impenji internazzjonali fir-rigward tat-trasparenza tal-għajnuna, b'mod partikolari fid-Dikjarazzjoni ta' Pariġi dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna tal-2005, fil-Kunsens Ewropew dwar l-Għajnuna Umanitarja tal-2007, fl-Aġenda ta' Azzjoni ta' Akkra tal-2008 u fis-Sħubija ta' Busan għal Kooperazzjoni Effettiva għall-Iżvilupp tal-2011. Fit-tħejjija għall-Forum ta' Busan, il-Kunsill tal-UE adotta l-"Pożizzjoni Komuni tal-UE għar-Raba' Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna", li kienet tinkludi l-Garanzija ta' Trasparenza tal-UE[7]. Aktar reċentement, f'Ġunju 2017 il-Kummissjoni u l-Istati Membri affermaw mill-ġdid l-impenn tagħhom għall-prinċipju tat-trasparenza fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp[8].

---

6 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1), il-Kapitolu 8, l-Artikolu 35: "Pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar riċevituri u informazzjoni oħra".

7 Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Pożizzjoni Komuni tal-UE għar-Raba' Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna, li ġew adottati fl-14 ta' Novembru 2011.

8 Il-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp huwa dikjarazzjoni konġunta mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha li tipprovdi qafas komuni komprensiv għall-kooperazzjoni Ewropea għall-iżvilupp.

**AMBITU U APPROĊĊ TAL-AWDITJAR**

8. Il-fondi tal-UE allokati mill-Kummissjoni biex jiġu implimentati mill-NGOs spiss jgħaddu minn bosta livelli. F'dan il-kuntest, u b'mod partikolari fl-għażla tal-applikanti għall-finanzjament, hemm ir-riskju ta' nuqqas ta' trasparenza. Hemm ukoll ir-riskju li l-informazzjoni, li tkun disponibbli għall-Kummissjoni, dwar l-ammonti u l-iskop tal-finanzjament li jingħata lill-NGOs ma tkunx kompleta jew affidabbli, kif ukoll ir-riskju li t-tipi kollha ta' NGOs ma jiġux ittrattati b'mod indaqs.

9. L-objettiv prinċipali tal-awditu tagħna kien li jivvaluta t-trasparenza tal-fondi tal-UE li kienu s-suġġett ta' kuntratti mal-NGOs. Biex nilħqu dan l-objettiv, aħna l-ewwel ivvalutajna l-identifikazzjoni ta' entitajiet bħala NGOs, min-naħa tal-Kummissjoni; imbagħad ivvalutajna fuq xiex intnefqu l-fondi tal-UE li ġew implimentati minn dawn tal-aħħar, u jekk il-Kummissjoni ddivulgatx din l-informazzjoni b'mod trasparenti.

10. Aħna kellna l-għan li nwieġbu l-mistoqsija li ġejja: Il-finanzjament mill-UE implimentat mill-NGOs huwa trasparenti? Biex inwiġbuha, aħna qsamna l-mistoqsija prinċipali tal-awditjar fit-tliet sottomistoqsijiet li ġejjin:

(i) L-identifikazzjoni ta' entitajiet bħala NGOs, min-naħa tal-Kummissjoni, hija affidabbli?

(ii) Fil-qasam tal-azzjoni esterna, l-għażla tal-NGOs li huma responsabbili mill-implimentazzjoni tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-UE hija trasparenti?

(iii) Il-Kummissjoni tiġbor u tiddivulga l-informazzjoni dwar il-finanzjament mill-UE b'mod xieraq?

11. Aħna eżaminajna l-mod kif il-Kummissjoni identifikat l-NGOs fis-sistemi tagħhom (is-Sottomistoqsija 1). Aħna vvalutajna t-trasparenza tal-għażla tal-NGOs, kemm meta l-Kummissjoni kkonkludiet kuntratti direttament mal-NGOs kif ukoll meta l-fondi tal-UE ġew trasferiti permezz ta' sottogħotjiet (is-Sottomistoqsija 2). Aħna eżaminajna wkoll jekk il-Kummissjoni kinitx ġabret informazzjoni dwar l-azzjonijiet implimentati mill-NGOs, u jekk kinitx ivverifikatha u ddivulgatha b'mod xieraq (is-Sottomistoqsija 3).

12. Aħna koprejna l-oqsma ta' politika prinċipali f'termini tal-volum ta' fondi tagħhom impenjati għall-NGOs (ara l-***Figura 2***), jiġifieri d-direttorati ġenerali prinċipali involuti fil-qasam tal-azzjoni esterna (DĠ ECHO, DĠ DEVCO u DĠ NEAR) u żewġ direttorati ġenerali addizzjonali li kienu jallokaw fondi sinifikanti għall-NGOs: id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (DĠ RTD) u d-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażagħ, l-Isport u l-Kultura (DĠ EAC). L-awditu kopra wkoll id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent (DĠ ENV), peress li dan id-DĠ għandu programm speċifiku li jipprovdi appoġġ għall-NGOs fil-qasam tal-ambjent u l-azzjoni klimatika. Fl-aħħar nett, id-Direttorat Ġenerali għall-Baġit (DĠ BUDG) kien ukoll inkluż fl-ambitu tal-awditjar, peress li huwa s-servizz responsabbli għas-sistema kontabilistika tal-Kumissjoni, li tintuża għar-rappurtar dwar il-finanzjament li jingħata lill-NGOs.

13. Aħna ġbarna evidenza permezz ta' analiżijiet dokumentarji u intervisti mwettqa ma' bosta direttorati ġenerali tal-Kummissjoni (DĠ BUDG, DĠ DEVCO, DĠ NEAR, DĠ ECHO, DĠ RTD, DĠ EAC u DĠ ENV), kif ukoll mal-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka (REA), mal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA) u mal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Intrapriżi Żgħar u Medji (EASME).

14. Aħna ffukajna b'mod partikolari fuq il-qasam tal-azzjoni esterna, peress li, skont is-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni, dan huwa fejn il-biċċa l-kbira mill-fondi tal-UE ġew impenjati għall-NGOs (ara l-***Figura 1***). Aħna eżaminajna l-proċeduri użati għall-għażla tal-azzjonijiet implimentati mill-NGOs, l-għodod użati għall-ġbir ta' informazzjoni dwar il-finanzjament li jingħata lill-NGOs u d-divulgazzjoni sussegwenti ta' din l-informazzjoni.

15. Fi ħdan il-qasam tal-azzjoni esterna, aħna kkonċentrajna prinċipalment fuq il-fondi li ilhom li ġew impenjati mill-2014 sabiex neżaminaw l-azzjonijiet li ttieħdu fil-perjodu ta' programmazzjoni attwali. Aħna eżaminajna 14-il proġett immexxija mill-NGOs taħt il-modalità ta' ġestjoni diretta[9] (ara l-***Anness I***), u 6 proġetti implimentati minn korpi tan-NU

[9] Fil-qafas ta' ġestjoni diretta, il-Kummissjoni hija inkarigata mill-kompiti kollha relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, li jitwettqu direttament mis-servizzi tagħha, jew fis-sede, fid-delegazzjonijiet tal-UE jew inkella permezz ta' aġenziji eżekuttivi tal-UE.

taħt il-modalità ta' ġestjoni indiretta[10], li għalihom 10 NGOs kienu ntgħażlu biex jibbenefikaw minn sottogħotjiet (ara l-***Anness II***).

16. Dawn il-proġetti ntgħażlu f'żewġ stadji. Fl-ewwel stadju, aħna għażilna li nżuru żewġ pajjiżi (l-Etjopja u l-Libanu) fuq il-bażi ta' kriterji bħad-DĠ responsabbli, il-volum ta' fondi rrappurtati li ġew impenjati għall-NGOs u l-fattibbiltà tat-twettiq ta' żjara tal-awditjar. Fit-tieni stadju, aħna ħadna l-kampjun ta' proġetti li kellhom jiġu awditjati fuq il-bażi ta' kriterji bħad-daqs tal-baġits, ir-rata ta' implimentazzjoni miksuba, il-firxa ta' strumenti ta' finanzjament, il-modalitajiet ta' ġestjoni użati u d-diversi livelli ta' implimentazzjoni li fihom operaw l-NGOs.

17. Fi Frar 2018, aħna wettaqna żjarat tal-awditjar fl-Etjopja u fil-Libanu, fejn żorna l-uffiċċji lokali tad-DĠ ECHO, id-Delegazzjonijiet tal-UE, l-uffiċċji tal-pajjiżi ta' bosta aġenziji tan-NU, kif ukoll rappreżentanti minn NGOs internazzjonali u lokali li kienu qed jipparteċipaw fl-implimentazzjoni ta' proġetti ffinanzjati mill-UE.

## OSSERVAZZJONIJIET

### *L-identifikazzjoni ta' entitajiet bħala NGOs, min-naħa tal-Kummissjoni, fis-sistemi tagħha mhijiex affidabbli*

18. Aħna eżaminajna l-proċeduri differenti li ġew segwiti mid-dipartimenti tal-Kummissjoni biex jirreġistraw fis-sistemi tagħhom l-NGOs li jistgħu jintgħażlu għall-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE. Aħna eżaminajna jekk kienx hemm sistemi u programmi speċifiċi għall-NGOs, jekk kinux ivarjaw fost id-dipartimenti li żorna, il-mod kif kienu jintużaw, u l-mod kif l-entitajiet kienu jiġu identifikati u rreġistrati bħala NGOs fis-sistemi tal-Kummissjoni.

[10] Fil-qafas tal-modalità ta' ġestjoni indiretta, il-Kummissjoni tafda l-kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit lill-organizzazzjonijiet internazzjonali, l-aġenziji tal-iżvilupp tal-Istati Membri tal-UE, il-pajjiżi sħab jew korpi oħra.

**Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-eliġibbiltà tal-finanzjament mill-UE ma tiddependix mill-istatus tal-NGOs**

19. Inġenerali, l-NGOs japplikaw għal finanzjament mingħand il-Kummissjoni bl-istess mod bħalma jagħmlu organizzazzjonijiet oħra li jimplimentaw il-fondi tagħha. Dan għaliex ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit tal-UE ma jagħmilx distinzjoni bejn il-benefiċjarji li jkollhom status ta' NGO u benefiċjarji oħra. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma għandhiex strateġija li hija mmirata speċifikament għall-NGOs, u d-dipartimenti tagħha ma għandhomx kriterji komuni ta' x'jikkostitwixxi NGO.

20. Tnejn biss mid-direttorati ġenerali awditjati għandhom programmi li huma mmirati esklussivament għall-NGOs:

- id-DĠ ENV għandu programm ta' azzjoni għal għotjiet operattivi li huwa maħsub biex jappoġġa lill-NGOs Ewropej li joperaw fl-oqsma tal-ambjent u l-klima. F'dan il-kuntest, huwa jqis[11] li NGO hija persuna ġuridika mingħajr skop ta' qligħ, li hija indipendenti, kemm fil-livell finanzjarju kif ukoll f'dak politiku, b'mod partikolari mill-awtoritajiet tal-gvern u dawk pubbliċi, kif ukoll mill-interessi politiċi jew kummerċjali, u li hija legalment irreġistrata.
- id-DĠ ECHO jimplimenta l-għajnuna umanitarja permezz ta' għadd ta' NGOs li magħhom huwa kkonkluda ftehimiet qafas ta' sħubija. Huwa jżomm mad-definizzjoni stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill Nru 1257/96 dwar l-għajnuna umanitarja li jiddikjara li l-NGOs li jkunu eliġibbli għal finanzjament iridu jkunu organizzazjonijiet awtonomi li jaħdmu bla profitt fi Stat Membru taħt il-liġijiet li jkunu fis-seħħ f'dak il-pajjiż[12].

[11] Ara s-sejħiet għal proposti għall-għotjiet operattivi li ngħataw lil NGOs li huma primarjament attivi fil-qasam tal-ambjent u/jew l-azzjoni klimatika (eż. L-identifikaturi tas-sejħiet huma LIFE-NGO-EASME-2014 u LIFE-NGO-FPA-EASME-2017).

[12] Taħt dan ir-Regolament, it-tieni rekwiżit li jrid jiġi ssodisfat biex l-NGOs ikunu eliġibbli għal finanzjament huwa li jkollhom il-kwartier ġenerali ewlieni tagħhom fi Stat Membru jew f'pajjiż terz li jkun jirċievi l-għajnuna. Eċċezzjonalment, il-kwartier ġenerali jista' jkun f'pajjiż donatur terz.

**Il-Kummissjoni twettaq kontrolli limitati fuq l-entitajiet li jiddikjaraw lilhom infushom bħala NGOs meta tkun qed tirreġistrahom fis-sistema kontabilistika**

Għad ma hemmx sistema komuni ta’ reġistrazzjoni għall-applikanti

21. L-applikanti għal finanzjament mill-UE, inklużi l-NGOs, iridu jirreġistraw biex japplikaw għal finanzjament fl-oqsma ta' politika differenti. Madankollu, id-direttorati ġenerali li awditjajna għad ma għandhomx sistema komuni ta’ reġistrazzjoni għall-applikanti (ara l-***Kaxxa 3***).

| |
|---|
| **Kaxxa 3 – Eżempji tas-sistemi ta’ reġistrazzjoni għall-applikanti li jintużaw minn diversi dipartimenti tal-Kummissjoni**<br><br>Id-DĠ DEVCO u d-DĠ NEAR jużaw ir-”Reġistrazzjoni Online tad-*Data* tal-Applikanti Potenzjali” (PADOR), sistema online li fiha l-organizzazzjonijiet li jkunu qed japplikaw għal finanzjament jirreġistraw u jaġġornaw l-informazzjoni b’mod regolari.<br><br>Id-DĠ RTD u d-DĠ EAC jużaw il-Faċilità ta’ Reġistrazzjoni Unika (URF) - is-servizz ta’ reġistrazzjoni għal finanzjament taħt programmi bħal Erasmus+, Ewropa Kreattiva, Ewropa għaċ-Ċittadini, Voluntier tal-Għajnuna tal-UE u Orizzont 2020.<br><br>Fil-każ tad-DĠ ENV, l-applikanti jippreżentaw il-proposti tagħhom billi jużaw l-għodda web “eProposal” jew inkella l-formoli ta' applikazzjoni (għal ċerti tipi ta’ proġetti, inklużi l-għotjiet operattivi maħsuba għall-NGOs). |

22. Peress li dawn is-sistemi mhumiex interkonnessi, l-NGOs iridu jagħmlu reġistrazzjoni separata ma’ kull DĠ li jinteraġixxu miegħu.

23. Attwalment, il-Kummissjoni qed tiżviluppa proġett, Spazju Uniku ta’ Interkambju tad-*Data* Elettronika (SEDIA), li għandu jipprovdi lill-applikanti, lill-kandidati u lill-offerenti punt uniku ta’ kuntatt biex jikkomunikaw mad-dipartimenti tal-Kummissjoni. Dan se jintuża kemm għall-proċeduri ta' akkwist kif ukoll għal dawk ta’ għotja.

<u>Il-Kummissjoni tivverifika biss b'mod limitat jekk l-entitajiet ikunux irreġistrati b'mod korrett bħala NGOs</u>

24. Meta applikant għal finanzjament, li jkun irreġistrat, jikkonkludi kuntratt mal-Kummissjoni għall-ewwel darba, l-informazzjoni li huwa jiddikjara tkun ibbażata fuq awtodikjarazzjoni. Il-Kummissjoni tivverifika l-informazzjoni li huwa jkun ipprovda fid-diversi sistemi ta' reġistrazzjoni u toħloq skeda informattiva dwar l-entitajiet ġuridiċi fl-ABAC.

25. F'din is-sistema, l-entitajiet ġuridiċi jistgħu jiġu "kklassifikati" bħala NGOs. Biex tiġi kklassifikata hekk, organizzazzjoni għandha tiddikjara lilha nfisha bħala li hija NGO meta tkun qed tirreġistra f'waħda mis-sistemi. Wieħed mir-rekwiżiti biex tiġi kklassifikata bħala NGO huwa li l-entità ġuridika għandha tiġi kkategorizzata bħala organizzazzjoni privata u mingħajr skop ta' qligħ. Is-servizzi ta' validazzjoni tal-Kummissjoni jivverifikaw din il-kategorizzazzjoni. Minbarra dan, huma ma jwettqux verifikazzjoni addizzjonali fuq il-kwalifikazzjoni tal-organizzazzjoni bħala NGO, dment li d-direttorati ġenerali ma jagħmlux din il-kwalifikazzjoni bħala kriterju għall-parteċipazzjoni f'sejħa għal proposti[13].

26. Minħabba n-nuqqas ta' verifikazzjoni tal-istatus ta' NGO, l-informazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament ipprovdut lilhom mhijiex affidabbli. Pereżempju, fil-każ tal-Intestatura 1.1 tal-QFP – Kompetittività għat-tkabbir u l-impjiegi, l-akbar benefiċjarji kklassifikati bħala NGOs fl-ABAC huma prinċipalment istituti tar-riċerka u universitajiet, inkluża soċjetà kooperattiva partikolari. Dawn it-tipi ta' entitajiet mhux dejjem jistgħu jitqiesu bħala NGOs. Filwaqt li t-termini NGOs u OSĊ (organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili) ta'

[13] Pereżempju, il-Linji Gwida tad-DĠ DEVCO għall-Applikanti tas-Sejħiet għal Proposti jirrikjedu li NGO tipprovdi l-istatuti jew l-artikoli ta' assoċjazzjoni tagħha, kif ukoll id-dokumenti ta' sostenn. Il-kumitati ta' evalwazzjoni jivverifikaw li d-dokumenti ġuridiċi jkunu jikkorrispondu għat-tip ta' entità.

spiss jintużaw b'mod interkambjabbli, l-NGOs huma subsett ta' OSĊ, fejn dawn tal-aħħar ikopru grupp usa' ta' organizzazzjonijiet bħal istituti tar-riċerka jew kooperattivi[14].

27. Barra minn hekk, billi l-qasam tal-NGOs mhuwiex obbligatorju fl-ABAC, il-Kummissjoni ma tidentifikax b'mod konsistenti l-NGOs kollha bħala tali fis-sistemi ta' informazzjoni tagħha. Pereżempju, fi tnejn mill-proġetti li awditjajna[15], żewġ NGOs parteċipanti, għalkemm kienu rreġistrati bħala NGOs fis-sistema ta' reġistrazzjoni għall-applikanti (PADOR), ma ġewx ikklassiifikati bħala tali fl-ABAC.

***Fil-qasam tal-azzjoni esterna, l-għażla ta' proġetti mmexxija mill-NGOs kienet kumplessivament trasparenti, iżda kellha ċerti nuqqasijiet meta kienet titwettaq minn partijiet terzi***

**L-għażla, imwettqa mill-Kummissjoni, ta' proġetti mmexxija mill-NGOs kienet ġeneralment trasparenti**

28. Aħna awditjajna kampjun ta' proġetti mmexxija mill-GOs fil-qasam ta' politika tal-azzjoni esterna, li kienu direttament immaniġġjati mill-Kummissjoni (ara l-***Anness I***). Aħna vvalutajna t-trasparenza tal-proċessi tal-għażla billi vverifikajna jekk l-attivitajiet imwettqa u l-objettivi stabbiliti kinux f'konformità mal-istrateġiji, jekk il-proċeduri tal-għażla kinux affidabbli, iddokumentati tajjeb, u bbażati fuq kriterji tal-għażla ċari, u jekk kienx qed isir użu xieraq minn esperjenzi preċedenti tal-NGOs. Is-sommarju tal-valutazzjoni jista' jinstab fl-***Anness III***).

29. Il-proċessi tal-għażla li ġew eżaminati fil-qasam tal-għajnuna għall-iżvilupp kienu fil-biċċa l-kbira sejħiet għal proposti[16]. Huma kienu jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju u mal-istrateġiji tal-Kummissjoni, u kienu kumplessivament jużaw kriterji tal-

---

[14] COM(2012) 492 final tat-12.9.2012, "L-għeruq ta' demokrazija u żvilupp sostenibbli: il-kooperazzjoni tal-Ewropa mas-Soċjetà Ċivili fir-relazzjonijiet esterni " tikklassifika bħala OSĊ, fost affarijiet oħra, NGOs, organizzazzjonijiet ibbażati fil-komunità, organizzazzjonijiet ibbażati fuq it-twemmin, fondazzjonijiet, istituzzjonijiet ta' riċerka, kooperattivi, assoċjazzjonijiet professjonali u tan-negozju.

[15] Il-Proġetti 7 u 16.

[16] Il-Proġett 4 ntgħażel permezz ta' proċedura ta' għoti dirett.

għażla ċari u kienu jikkomunikawhom lill-partijiet interessati kollha, kif ukoll kienu jiżguraw it-trattament indaqs tal-applikanti.

30. Aħna sibna xi nuqqasijiet fir-rigward tat-trasparenza fil-proċessi tal-għażla eżaminati, li d-DĠ ECHO wettaq fl-2014, fl-2015 u fl-2016. Dawn il-problemi, relatati mad-dokumentazzjoni tal-proċedura tal-għażla, kienu diġà ġew identifikati f'awditu preċedenti li twettaq mill-QEA[17]. B'riżultat ta' dan, id-DĠ ECHO ħa miżuri korrettivi, li rriżultaw fi pjan ta' azzjoni u f'mudell ġdid ta' valutazzjoni fil-qosor għall-2017, li kompla ġie rivedut għall-2018, biex jipprovdi dokumentazzjoni aħjar ta' valutazzjoni speċifika għal kull kriterju tal-għażla.

31. Il-kapaċità operazzjonali tal-applikanti hija wieħed mill-kriterji li d-DĠ DEVCO u d-DĠ NEAR japplikaw fil-proċeduri tal-għażla tagħhom. Il-kumitati ta' evalwzzjoni jivvalutaw din il-kapaċità fuq il-bażi tal-esperjenzi preċedenti ddikjarati mill-applikanti, iżda rarament jitolbu evidenza għal dan l-għan. Id-DĠ ECHO jqis ukoll li l-esperjenzi preċedenti huma kriterju ta' valutazzjoni rilevanti.

32. Il-Kummissjoni mhux dejjem tivverifika jekk id-dikjarazzjonijiet dwar l-esperjenzi preċedenti jkunux korretti, minħabba li s-sistemi ta' Informazzjoni dwar il-ġestjoni tagħha ma fihomx l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-finanzjament riċevut u dwar l-attivitajiet imwettqa mill-NGOs. Għalhekk, il-punt sa fejn din l-informazzjoni tista' tintuża għall-għażla huwa pjuttost limitat.

33. Aħna sibna li l-Kummissjoni kienet aċċettat inkonsistenzi u dikjarazzjonijiet żbaljati dwar l-esperjenzi preċedenti meta kienet qed tagħżel tnejn mill-proġetti awditjati[18].

---

[17] Ir-Rapport Speċjali Nru 15/2016 "Il-Kummissjoni mmaniġġjat b'mod effettiv l-Għajnuna umanitarja pprovduta lil popolazzjonijiet milquta minn kunflitti fir-Reġjun tal-Lagi l-Kbar Afrikani?", il-paragrafi 27 sa 29 (https:eca.europa.eu).

[18] Il-Proġetti 16 u 17.

**It-trasferiment ta' fondi permezz ta' sottogħotjiet lil partijiet terzi bi status ta' NGO xi kultant kellu nuqqas ta' trasparenza**

34. Aħna eżaminajna kemm l-għażla tal-NGOs kienet trasparenti meta l-għażla ma kinitx issir direttament mill-Kummissjoni. Aħna qisna jekk id-diversi dipartimenti tal-Kummissjoni kinux japplikaw b'mod konsistenti l-proċeduri biex jiżguraw it-trasparenza tal-għażla tal-NGOs li kienu jibbenefikaw minn sottogħotjiet. Barra minn hekk, aħna eżaminajna jekk dawn id-dipartiment kienu għażlu l-NGOs b'mod li jiżgura t-trattament indaqs tal-applikanti, jekk kinux użaw l-esperjenzi preċedenti biex itejbu l-għażla u jekk kinux ivverifikaw il-kapaċità tal-NGOs li jwettqu l-azzjoni ffinanzjata.

<u>Id-diversi dipartimenti tal-Kummissjoni ma japplikawx il-proċeduri ta' sottogħotjiet bl-istess mod</u>

35. Taħt ġestjoni diretta, meta l-Kummissjoni tikkonkludi ftehimiet ta' għotja u deċiżjonijiet mal-kuntratturi, inklużi l-NGOs, tiġi stabbilita relazzjoni ġuridika bejn iż-żewġ partijiet. F'xi każijiet, madankollu, il-fondi tal-UE jiġu trasferiti permezz ta' sottogħotjiet lil partijiet terzi. Tali trasferimenti permezz ta' sottogħotjiet huma suġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi u trasparenti[19], pereżempju, il-limitu massimu li jista' jitħallas lil parti terza huwa ta' EUR 60 000, ħlief meta l-appoġġ finanzjarju jkun l-għan primarju tal-azzjoni[20].

36. Filwaqt li l-biċċa l-kbira mid-dipartimenti awditjati tal-Kummissjoni[21] japplikaw ir-regoli ġenerali mir-Regolament Finanzjarju u l-linji gwida dwar l-għotjiet li jinħarġu mid-DĠ BUDG b'mod konsistenti, id-DĠ ECHO juża interpretazzjoni differenti. Filwaqt li jsemmi l-ħtieġa li jiġu riflessi l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tal-għajnuna umanitarja, id-DĠ ECHO jqis li l-azzjonijiet kollha li jirrigwardaw għotjiet lis-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni għandhom

---

19 Stabbiliti fl-Artikolu 137 tar-Regolament Finanzjarju u fl-Artikolu 210 tar-Regoli tal-Applikazzjoni.

20 Ikun tajjeb li jiġi osservat li r-Regolament Finanzjarju tal-2018 jibdel il-formulazzjoni ta' dawn ir-regoli u fl-Artikolu 204 jiddikjara: "l-ammont massimu tal-appoġġ finanzjarju li jista' jitħallas lil parti terza li ma għandux jaqbeż is-EUR 60 000 […]. Dan il-limitu massimu jista' jinqabeż fejn il-kisba tal-objettivi tal-azzjonijiet b'xi mod ieħor tkun impossibbli jew diffiċli wisq."

21 Id-DĠ RTD, ENV, EAC, NEAR u DEVCO.

l-għan primarju li jagħtu appoġġ finanzjarju lil partijiet terzi. Dan ifisser li, fil-prattika, huma ma japplikawx il-limitu massimu ta’ EUR 60 000, minħabba li s-sottogħotjiet kollha jitqiesu li jaqgħu taħt l-eċċezzjoni msemmija hawn fuq.

37. L-effett ta’ din l-interpretazzjoni huwa li jkunu jistgħu jsiru trasferimenti permezz ta’ sottogħotjiet mingħajr ma jkun hemm limitu fuq l-ammont kuntrattwali jew fuq l-għadd ta’ livelli addizzjonali tal-implimentazzjoni. In-nuqqas ta’ dawn il-limitazzjonijiet fid-DĠ ECHO jaffettwa t-trasparenza tas-sottogħotjiet.

<u>Il-proċeduri tal-għażla li l-korpi tan-NU applikaw għall-NGOs mhux dejjem kienu trasparenti</u>

38. Taħt ġestjoni indiretta, korp tan-NU li japplika għal fondi tal-UE għandu juri kapaċità ta’ ġestjoni finnzjarja u ta’ protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE, li hija ekwivalenti għal dik tal-Kummissjoni. Jekk jirrispetta din il-kundizzjoni, huwa jista’ jagħżel is-sħab tiegħu inkarigati mill-implimentazzjoni (sottogħotjiet) skont ir-regoli u l-proċeduri proprji tiegħu[22].

39. Aħna sibna li f’nofs il-proġetti taħt ġestjoni indiretta, li għażilna għall-awditu (ara l-***<u>Anness II</u>***), il-proċeduri użati mill-korpi tan-NU għall-għażla tal-NGOs kellhom nuqqas ta’ trasparenza. Dan kien minkejja l-fatt li l-Kummissjoni kienet ivvalutathom b’mod pożittiv. F’dawn it-tliet każijiet[23], il-korpi tan-NU taw direttament sottogħotjiet lill-NGOs mingħajr ma żammew mal-proċeduri interni proprji tagħhom (ara l-***<u>Kaxxa 4</u>***).

**<u>Kaxxa 4</u> – Eżempju ta’ proċess tal-għażla mwettaq minn parti terza li ma kinitx tikkonforma mar-regoli tal-għażla interni proprji tagħha**

Il-Proġett 20, li ngħata lil korp tan-NU, kellu l-għan li jtejjeb ir-reżiljenza pastorali permezz tal-forniment ta’ servizz aħjar tas-saħħa tal-annimali f’żoni pastorali tal-Etjopja. Żewġ NGOs li kienu

[22] L-Artikolu 60(2)(d) tar-Regolament Finanzjarju jiddikjara li l-entitajiet fdati għandhom “japplikaw regoli u proċeduri xierqa sabiex jipprovdu finanzjament mill-fondi tal-Unjoni permezz ta’ għotjiet, akkwisti u strumenti finanzjarji”. Dan jiġi vverifikat f’valutazzjoni *ex ante* (“valutazzjoni tal-pilastri”) imwettqa minn awditur indipendenti f’konformità mat-termini ta’ referenza mħejjija minn kull DĠ.

[23] Il-Proġetti 9, 18 u 20.

jibbenefikaw minn sottogħotjiet wettqu ċerti komponenti ta' dan il-proġett. Il-proċedura tal-għażla li ġiet applikata mill-korp tan-NU fiż-żewġ każijiet kienet għotja diretta.

Skont il-linji gwida interni tal-korp tan-NU, l-għotjiet diretti jistgħu jingħataw biss taħt ċerti kundizzjonijiet. F'dawn il-każijiet, il-kundizzjoni użata biex tiġi ġġustifikata l-għotja diretta kienet li l-NGOs kienu diġà ngħataw il-mandat mill-gvern benefiċjarju biex jipprovdu s-servizz. Madankollu, l-NGOs ma ffirmawx il-ftehim ta' implimentazzjoni mal-gvern reġjonali qabel ma ntgħażlu mill-korp tan-NU. Għalhekk, il-kundizzjoni għall-għażla diretta ma ġietx issodisfata.

***Il-Kummissjoni mhux dejjem tiġbor u tivverifika b'mod xieraq l-informazzjoni dwar il-fondi tal-UE implimentati mill-NGOs***

40. Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx taf kif kienu qed jintużaw il-fondi tal-UE implimentati mill-NGOs u jekk din l-informazzjoni kinitx tinġabar u tiġi vverifikata b'mod xieraq. Sabiex naċċertaw dan, aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kellhiex informazzjoni komprensiva dwar l-NGOs kollha ffinanzjati, inklużi l-attivitajiet imwettqa u l-fondi riċevuti, kif ukoll jekk kienx hemm sistemi xierqa stabbiliti għall-ġbir ta' din l-informazzjoni. Aħna eżaminajna wkoll jekk din l-informazzjoni kinitx tippermetti lill-Kummissjoni tikkontrolla l-ispejjeż li jiġu ddikjarati.

**Is-sistemi tal-Kummissjoni mhux dejjem jirreġistraw l-informazzjoni dwar il-fondi riċevuti mill-benefiċjarji kollha ta' kuntratt**

41. Aħna sibna li d-dipartimenti tal-Kummissjoni li awditjajna kienu jimmaniġġjaw l-għotjiet bl-użu ta' sistemi differenti li kienu jinkludu ammonti differenti ta' informazzjoni dwar il-finanzjament ipprovdut lill-benefiċjarji (ara erba' eżempji fil-***Kaxxa 5***).

**Kaxxa 5 – Informazzjoni miġbura fid-diversi sistemi tal-Kummissjoni**

Is-sistema ta' ġestjoni tal-għotjiet użata mid-DĠ RTD tippermetti l-ġbir u l-ipproċessar ta' informazzjoni dwar il-finanzjament riċevut minn kull parteċipant.

B'mod simili, is-sistema użata fl-EACEA tirreġistra ripartizzjoni tal-finanzjament għall-organizzazzjonijiet parteċipanti kollha li kienu rreġistraw din l-informazzjoni fil-formola ta' applikazzjoni. Is-sistema ta' ġestjoni tal-għotjiet għal proġetti mmaniġġjati minn aġenziji nazzjonali tinkludi wkoll informazzjoni dwar il-finanzjament riċevut minn kull organizzazzjoni benefiċjarja.

Fil-każ tad-DĠ ENV, ripartizzjoni tal-finanzjament riċevut minn kull sieħeb ta' għotja multibenefiċjarja[24] hija disponibbli fis-sistema li timmaniġġja l-għotjiet taħt il-Programm LIFE, għalkemm f'kopja stampata biss, u dan ma jippermettix li din tiġi analizzata u ttrattata.

L-informazzjoni pprovduta fis-sistema tad-DĠ ECHO tinkludi reġistrazzjoni tas-sehem tal-baġit għal kull sieħeb inkarigat mill-implimentazzjoni. Madankollu, kwalunkwe ammont ieħor li jiġi trasferit permezz ta' sottogħotjiet ma jiġix irreġistrat fis-sistema.

Il-mudell ta' rappurtar finanzjarju użat mid-DĠ DEVCO u mid-DĠ NEAR jippermetti li jinkiseb rappurtar konsolidat fil-livell tal-proġetti, bi tqassim għal kull kategorija ta' spejjeż. Madankollu ma hemm l-ebda ripartizzjoni tal-finanzjament riċevut minn kull wieħed mill-benefiċjarji taħt il-ftehim ta' għotja.

42. Għalhekk, l-informazzjoni miġbura fid-diversi sistemi tal-Kummissjoni mhijiex uniformi u mhux dejjem tippermetti r-reġistrazzjoni tal-fondi riċevuti mill-benefiċjarji kollha ta' kuntratti.

**Fil-qasam tal-azzjoni esterna, il-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni komprensiva dwar l-NGOs kollha li ġew appoġġati**

43. Kemm fil-modalità ta' ġestjoni diretta kif ukoll f'dik ta' ġestjoni indiretta, aħna sibna bosta proġetti fi ħdan il-kampjun tagħna fejn il-Kummissjoni kellha informazzjoni skorretta dwar l-atturi differenti li jimplimentaw l-azzjoni ffinanzjata. Dan seħħ prinċipalment fil-każ tan-netwerks ta' NGOs internazzjonali, fejn is-sistemi tal-Kummissjoni kellhom informazzjoni dwar l-istruttura tal-entitajiet inkarigati mill-implimentazzjoni li ma kinitx tirrifletti l-istruttura reali.

44. Għal 4 mill-14-il proġett li eżaminajna fil-modalità ta' ġestjoni diretta[25], aħna sibna li l-NGOs li ffirmaw ftehimiet ta' għotja kienu, permezz ta' sottogħotjiet, ittrasferew l-

[24] L-għotjiet operattivi maħsuba għall-NGOs li joperaw fl-oqsma tal-ambjent u l-klima dejjem jingħataw lil benefiċjarju uniku.

[25] Il-Proġetti 4, 11, 12, u 13.

implimentazzjoni tal-proġetti lil entitajiet oħra mill-istess netwerk, mingħajr ma rreġistraw din l-informazzjoni fis-sistemi tal-Kummissjoni (ara l-***Figura 3***).

***Figura 3*** **– Proġett 12 - Eżempju ta’ proġett implimentat ma’ netwerk ta’ NGOs internazzjonali**

**A) Struttura effettiva ta’ implimentazzjoni**




**B) Informazzjoni fis-Sistema tad-DĠ ECHO**




**C) Informazzjoni kif meħtieġa mis-Sistema ta’ Trasparenza Finanzjarja (STF)**




*Sors:* Il-QEA.

45. Minn dawn l-14-il proġett[26], aħna sibna wkoll 3 każijiet fejn l-identifikazzjoni tas-sħab fis-sistemi tal-Kummissjoni kienet toħloq konfużjoni jew kienet tirreferi għal entitajiet ġuridiċi differenti fi ħdan l-istess netwerk ta' NGOs internazzjonali. Għalhekk, l-informazzjoni disponibbli dwar liema entitajiet implimentaw l-azzjoni u liema minnhom irċevew finanzjament ma kinitx ċara.

46. Barra minn hekk, f'ħames mis-sitt proġetti li eżaminajna fil-modalità ta' ġestjoni indiretta[27], l-informazzjoni li l-Kummissjoni rċeviet mill-korpi tan-NU ma ppermettitilniex li nistabbilixxu x'finanzjament ġie riċevut jew liema attivitajiet twettqu minn kull waħda mill-NGOs li kienu jibbenefikaw minn sottogħotjiet (ara l-***__Anness III__***).

47. Fi tnejn minn dawn il-ħames proġetti, il-Kummissjoni kienet talbet informazzjoni addizzjonali u kjarifika mill-korpi tan-NU, madankollu t-tweġibiet li rċeviet kienu jew insodisfaċenti jew inkella intbagħtu biss, wara talbiet ripetuti, ladarba l-attivitajiet tal-proġett kienu diġà kompleti[28].

**Fil-qafas ta' ġestjoni indiretta, in-nuqqas ta' informazzjoni disponibbli xekkel il-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni fuq l-ispejjeż iddikjarati**

48. Fil-każ ta' proġetti li l-Kummissjoni timmaniġġja b'mod indirett, il-kuntratti ġeneralment jinkludu fil-baġit globali tagħhom perċentwal, stabbilit f'rata massima ta' 7 %, biex ikopri l-ispejjeż ġenerali. F'ħames[29] mis-sitt każijiet li ġew eżaminati, aħna sibna spejjeż ġenerali li kienu ġew iddikjarati għal-livelli differenti tal-implimentazzjoni; l-ewwel għall-entità fdata u t-tieni għall-NGOs li kienu jibbenefikaw minn sottogħotjiet[30].

---

[26] Il-Proġetti 11, 12 u 15.

[27] Il-Proġetti 8, 9, 10, 18 u 19.

[28] Il-Proġett 8. Il-korp tan-NU pprovda risposti sodisfaċenti għat-tielet talba li saret mid-DĠ ECHO wara ż-żjara fuq il-post li twettqet mill-awdituri.

[29] Il-Proġetti 8, 9, 18, 19 u 20.

[30] Fir-Rapport Speċjali Nru 4/2018 tagħha "Assistenza mill-UE lill-Myanmar/Burma", il-Qorti diġà ssenjalat ir-riskju li l-ispejjeż indiretti jiġu ddebitati darbtejn fi proġetti ta' ġestjoni indiretta li

**<u>Kaxxa 6</u> - Eżempju ta’ spejjeż indiretti li ġew iddebitati b’mod eċċessiv**

Fil-Proġett 20, il-korp tan-NU kien ittrasferixxa ċerti attivitajiet lil żewġ NGOs permezz ta’ sottogħotjiet. Fil-ftehimiet li ġew iffirmati, fiż-żewġ każijiet il-baġit kien jinkludi rata fissa ta’ 7 % għall-ispejjeż ġenerali. Dawn tal-aħħar ġew inklużi wkoll fl-ammont totali tal-ispejjeż diretti li ġew iddikjarati mill-korp tan-NU lill-Kummissjoni u ntużaw bħala bażi għall-kalkolu tar-rata fissa ta’ 7 % għall-ispejjeż ġenerali li hija talbet. Dan irriżulta f’debitar eċċessiv tal-ispejjeż ġenerali għall-ispejjeż tal-azzjonijiet implimentati mill-NGOs.

49. Minħabba n-nuqqas ta’ informazzjoni adegwata dwar l-ispejjeż iddikjarati mill-NGOs li kienu jibbenefikaw minn sottogħotjiet, il-Kummissjoni mhux dejjem kienet f’pożizzjoni li tivverifika l-ispejjeż iddikjarati mill-NGOs kollha ffinanzjati. Dan xekkel lill-Kummissjoni milli taqbad każijiet potenzjali ta’ debitar eċċessiv.

***L-informazzjoni dwar il-fondi tal-UE implimentati mill-NGOs tiġi ppubblikata f’bosta sistemi, iżda l-informazzjoni ddivulgata hija limitata***

50. Aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx iddivulgat informazzjoni komprensiva u f’waqtha dwar il-fondi li li kienu s-suġġett ta’ kuntratti mal-NGOs għall-oqsma ta' politika li awditjajna. Fil-qasam tal-azzjoni esterna, aħna eżaminajna jekk il-Kummissjoni kinitx ikkonformat mal-istandards internazzjonali ta’ trasparenza tal-għajnuna meta kienet qed tippubblika informazzjoni dwar il-fondi tal-UE implimentati mill-NGOs. Aħna eżaminajna jekk hija kinitx ivverifikat l-adegwatezza tal-informazzjoni ddivulgata minn partijiet terzi li kellhom status ta’ NGOs li kienu jibbenefikaw minn sottogħotjiet iffinanzjati mill-UE. Barra minn hekk, għall-proġetti li awditjajna, aħna vverifikajna l-konsistenza tad-*data* ppubblikata fid-diversi portali relatati mat-trasparenza.

---

jiġu implimentati permezz ta’ parti terza bi statut ta’ NGO. Ara wkoll il-paragrafu 48 tar-Rapport Speċjali Nru 11/2017 tal-QEA “Il-Fond Fiduċjarju Bêkou tal-UE għar-Repubblika Ċentru-Afrikana: bidu promettenti minkejja xi nuqqasijiet”.

**L-informazzjoni dwar il-kuntratti li jiġu konklużi ma' NGOs tiġi ppubblikata fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja, iżda hija inkompleta**

51. Kull sena, fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja (STF)[31] tagħha, il-Kummissjoni tippubblika *data* dwar il-benefiċjarji ta' finanzjment li jingħata mill-UE taħt ġestjoni diretta fl-oqsma ta' politika kollha (ara l-***Kaxxa 7***). Bil-pubblikazzjoni ta' informazzjoni *ex post* dwar ir-riċevituri ta' fondi tal-UE fl-STF, il-Kummissjoni tikkonforma mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju[32].

**Kaxxa 7 – Informazzjoni disponibbli fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja tal-Kummissjoni**

Il-Kummissjoni ppubblikat id-*data* li ġejja fl-STF:

- il-benefiċjarju/i li jirċievi/u l-fondi;
- l-iskop tan-nefqa;
- il-lok tal-benefiċjarju;
- l-ammont u t-tip ta' nefqa (impenji biss);
- is-servizz responsabbli li jagħti l-finanzjament;
- il-parti tal-baġit tal-UE li tipprovdi l-finanzjament;
- is-sena li fiha l-ammont tniżżel fil-kontijiet tal-Kummissjoni

*Sors:* https://ec.europa.eu/info/about-european-commission/service-standards-and-principles/transparency/funding-recipients_mt

52. Madankollu, l-STF ma tipprovdix informazzjoni komprensiva dwar il-finanzjament li jingħata lill-NGOs minħabba li:

---

31 Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja: http://ec.europa.eu/budget/fts/index_en.htm.

32 L-Artikolu 35 tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u l-Artikolu 21 tar-regoli tal-applikazzjoni tiegħu: "Pubblikazzjoni ta' informazzjoni dwar riċevituri u informazzjoni oħra".

- l-ebda informazzjoni dwar il-pagamenti reali ma tiġi ddivulgata;
- il-kategorija ta' benefiċjarji "NGO" ma ġietx introdotta qabel l-2016 u ma tintużax b'mod konsistenti minħabba li ma hemmx kriterji għall-identifikazzjoni tal-NGOs; u
- entitajiet li jirċievu finanzjament permezz ta' sottogħotjiet ma jiġux iddivulgati.

53. Id-dipartimenti tal-Kummissjoni japplikaw approċċi differenti meta jkunu qed jiddivulgaw il-finanzjament fl-STF. Meta jikkonkludu kuntratti ma' bosta benefiċjarji, id-DĠ RTD, id-DĠ ENV u d-DĠ EAC (permezz tal-EACEA) jippubblikaw l-ismijiet tal-benefiċjarji kollha u jinkludu ripartizzjoni tal-fondi. Id-DĠ ECHO jippubblika l-ammont finanzjarju u l-isem tal-NGO li magħha l-Kummissjoni tkun iffirmat il-ftehim ta' għotja; huwa ma jiddivulgax informazzjoni dwar sħab oħra inkarigati mill-implimentazzjoni li jkunu qed iwettqu l-azzjoni kollha jew parti minnha (ara l-***Figura 3***). Id-DĠ NEAR u d-DĠ DEVCO jsemmu l-ismijiet tal-NGOs li magħhom il-Kummissjoni tkun iffirmat ftehim ta' għotja, u l-koapplikanti. Madankollu, l-ammont tal-għotja huwa kollu kemm hu marbut mas-sieħeb ewlieni, mingħajr l-ebda ripartizzjoni għal kull benefiċjarju.

54. Aħna sibna li għall-14-il proġett kollha li ġew eżaminati taħt ġestjoni diretta, l-ammonti ppubblikati fl-STF kienu konsistenti ma' dawk impenjati fil-ftehimiet ta' għotja. Madankollu, f'ħames każijiet[33], xi *data* li ġiet ippubblikata rigward it-tip ta' azzjoni jew il-lokalità ġeografika jew inkella s-servizz responsabbli kienet nieqsa jew skorretta.

Informazzjoni addizzjonali, inkluża dik dwar ir-riżultati, tiġi ddivulgata fuq diversi portali relatati mat-trasparenza.

55. Minbarra l-STF, il-Kummissjoni tippubblika informazzjoni dwar l-azzjonijiet iffinanzjati fuq diversi pjattaformi għall-oqsma ta' politika differenti. Pereżempju, fil-qasam tar-riċerka, il-Kummissjoni tiddivulga informazzjoni dwar il-finanzjament tagħha permezz ta' CORDIS, li

---

[33] Il-Proġetti 1, 2, 5, 14 u 15.

jikkostitwixxi repożitorju u portal pubbliċi dwar il-proġetti ta’ riċerka ffinanzjati mill-UE u r-riżultati tagħhom[34].

56. Fil-qasam tal-azzjoni esterna, il-Kummissjoni tiddivulga informazzjoni dwar il-finanzjament li jingħata lill-NGOs permezz ta’ bosta portali web relatati mat-trasparenza tal-għajnuna: l-EU Aid Explorer[35], is-Sistema ta' Informazzjoni Ewropea għar-Reazzjoni f'Każ ta' Emerġenza u Diżastri (EDRIS)[36] u s-Servizz ta’ Traċċar Finanzjarju[37]. B’mod kumplessiv, l-informazzjoni ppubblikata dwar il-proġetti awditjati kienet konsistenti mal-finanzjament li fil-fatt ġie pprovdut.

**L-informazzjoni dwar l-għajnuna umanitarja u l-għajnuna għall-iżvilupp tiġi ġeneralment iddivulgata f’konformità mal-istandards internazzjonali ta’ trasparenza**

57. Il-Kummissjoni tirrapporta *data* dwar l-għajnuna umanitarja u l-għajnuna għall-iżvilupp sabiex tissodisfa l-impenji internazzjonali fir-rigward tat-trasparenza tal-għajnuna. Hija tirrapporta l-informazzjoni fuq is-siti web tal-OECD: is-Sistema ta’ Rappurtar tal-Kredituri[38], l-Istħarriġ dwar il-Prospettivi ta' Nfiq[39] u r-Reġistru tal-Inizjattiva Internazzjonali għat-Trasparenza tal-Għajnuna (IATI)[40] f’konformità mal-istandards komuni internazzjonali.

---

34 *Sors:* https://cordis.europa.eu/

35 https://euaidexplorer.ec.europa.eu/

36 https://webgate.ec.europa.eu/hac/

37 https://fts.unocha.org/ - immaniġġjat mill-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Koordinazzjoni tal-Għajnuna Umanitarja (UNOCHA).

38 https://stats.oecd.org/Index.aspx?DataSetCode=CRS1

39 https://stats.oecd.org/Index.aspx?DataSetCode=FSS

40 https://www.iatiregistry.org/

<u>Il-Kummissjoni ppubblikat *data* dwar l-għajnuna umanitarja u l-għajnuna għall-iżvilupp skont l-istandard komuni tal-IATI, iżda parti mid-*data* kienet tippreżenta xi dgħufijiet</u>

58. Il-Kummissjoni tiddivulga *data* dwar l-għajnuna umanitarja u l-għajnuna għall-iżvilupp billi ssegwi qafas komuni ta' rappurtar standard li ġie żviluppat taħt l-IATI[41], inizjattiva globali li għandha l-għan li żżid it-trasparenza u l-effettività tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp.

59. B'mod kumplessiv, il-Kummissjoni tippubblika *data* skont l-istandard tal-IATI. Madankollu, aħna sibna li r-rappurtar ta' *data* fil-qafas tal-IATI ma jinkludix *data* dwar il-fondi fiduċjarji tal-UE u informazzjoni dwar ir-riżultati tal-proġetti ffinanzjati[42].

60. Għall-proġetti kkampjunati, aħna qabbilna l-informazzjoni ppubblikata fuq il-portal web tal-IATI, li huwa faċli għall-utent, mad-*data* reali. L-informazzjoni ġiet ippubblikata għall-proġetti kollha awditjati, iżda aħna sibna bosta żbalji fl-ammonti tal-kuntratti[43], fl-iżborżamenti[44] u fid-dati ta' tmiem tal-proġetti[45] (ara l-***<u>Kaxxa 8</u>***).

**<u>Kaxxa 8</u> – Eżempji ta' żbalji li nstabu fid-*data* li ġiet ippubblikata fil-portal-d tal-IATI**

Fil-Proġett 11, l-ammont tal-iżborżamenti li ġie rrappurtat fl-IATI (portal-d) kien żbaljat. L-ammont iddikjarat tal-iżborżamenti kien ta' EUR 14 000 000, iżda ċ-ċifra reali għandha tkun ta' EUR 11 200 000, billi l-pagament finali kien għadu ma sarx (fit-2 ta' Marzu 2018).

Fil-każ tal-Proġett 15, l-ammont tal-kuntratt li ġie ppubblikat fil-portal-d tal-IATI kien żero, filwaqt li l-ammont reali tal-kuntratt kien ta' EUR 2 000 000 u d-data ta' tmiem tal-proġett kienet żbaljata minħabba li din ma kinitx ġiet aġġornata biex tirrifletti estensjoni ta' tliet xhur.

---

[41] L-IATI tniedet fl-2008, b'segwitu għat-Tielet Forum ta' Livell Għoli dwar l-Effikaċja tal-Għajnuna f'Akkra.

[42] Fi Frar 2018, id-DĠ DEVCO rrapporta, filwaqt li kkonforma mal-istandards tal-IATI, l-ewwel lott ta' *data* dwar ir-riżultati li ttieħdet minn aktar minn 700 proġett.

[43] Il-Proġetti 4, 5, 6, 7, 14, 15, 16 u 17.

[44] Il-Proġetti 1, 2, 11, 12 u 13.

[45] Il-Proġetti 7, 14 u 15.

**Il-korpi tan-NU ppubblikaw informazzjoni inadegwata dwar il-kuntratti konklużi mal-NGOs**

61. Il-Kummissjoni tafda l-implimentazzjoni tal-proġetti taħt ġestjoni indiretta lil partijiet terzi. F'dawn il-każijiet, hija r-responsabbiltà tal-entità fdata li tiddivulga informazzjoni dwar l-għotjiet li jkunu ngħataw permezz ta' finanzjament mill-UE[46].

62. Aħna vverifikajna d-*data* li ġiet ippubblikata mill-korpi fdati tan-NU rigward is-sitt proġetti taħt ġestjoni indiretta tal-kampjun tagħna (ara l-***Anness II***). F'ħames każijiet, aħna sibna li l-korpi tan-NU jew ma ppubblikawx[47] informazzjoni dwar l-għotjiet mogħtija lill-NGOs, jew inkella ppubblikawha biss parzjalment[48], permezz ta' fondi tal-UE (ara l-***Kaxxa 9***). Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma vverifikatx li l-korpi tan-NU kienu ssodisfaw dan ir-rekwiżit.

**Kaxxa 9 – Eżempji ta' korpi tan-NU li ma jippubblikawx informazzjoni dwar il-fondi tal-UE li jiġu trasferiti permezz ta' sottogħotjiet lill-NGOs**

Il-Kummissjoni fdat lil korp tan-NU l-implimentazzjoni tal-Proġett 18 li jirrigwarda l-assistenza fi flus kontanti u l-identifikazzjoni tar-refuġjati fl-Etjopja. Il-korp tan-NU mbagħad kien ittrasferixxa ċerti attivitajiet lil NGO permezz ta' sottogħotjiet, madankollu, is-sit web tiegħu ma kien jiddivulga l-ebda informazzjoni dwar din is-sottogħotja.

Fl-Etjopja, il-Kummissjoni fdat lil korp tan-NU l-implimentazzjoni tal-Proġett 19, li kellu l-għan li jappoġġa r-riintegrazzjoni tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin. Żewġ NGOs lokali implimentaw xi wħud mill-attivitajiet tal-proġett. Fuq is-sit web tiegħu, il-korp tan-NU ppubblika biss informazzjopni limitata dwar il-kuntratti li ġew iffirmati ma' dawn l-NGOs u ma ddivulgax l-ammonti tal-kuntratti.

---

46 Skont il-kundizzjonijiet ġenerali li jirregolaw il-ftehimiet li ġew iffirmati bejn il-Kummissjoni u l-entitajiet fdati, dawn tal-aħħar huma obbligati li jippubblikaw, fuq is-sit web tagħhom jew fis-sistemi tagħhom, informazzjoni dettaljata dwar l-għotjiet iffinanzjati mill-UE. Huma meħtieġa jiddivulgaw it-titlu tal-kuntratt/proġett, in-natura u l-iskop tiegħu, l-isem u l-lokalità tal-benefiċjarju tal-għotja u l-ammont tal-kuntratt. Fil-każ ta' azzjonijiet b'bosta donaturi, il-pubblikazzjoni ssegwi r-regoli tal-entità fdata.

47 Il-Proġetti 9, 18 u 20.

48 Il-Proġetti 8 u 19.

**KONKLUŻJONIJIET U RAKKOMANDAZZJONIJIET**

63. L-awditu li wettaqna eżamina jekk il-finanzjament mill-UE implimentat mill-NGOs kienx trasparenti. Dan kien jinkludi l-eżaminar ta' jekk l-identifikazzjoni ta' entitajiet bħala NGOs, min-naħa tal-Kummissjoni, kinitx affidabbli u jekk l-għażla tal-NGOs inkarigati mill-implimentazzjoni ta' azzjonijiet iffinanzjati mill-UE kinitx trasparenti. Eżaminajna wkoll il-proċess ta' ġbir, kontroll u ddivulgar xieraq ta' informazzjoni dwar l-NGOs. Aħna koprejna l-oqsma ta' politika prinċipali li fihom l-NGOs jimplimentaw il-fondi tal-UE, billi ffukajna b'mod partikolari fuq il-qasam ta' finanzjament l-aktar importanti, jiġifieri dak tal-azzjoni esterna.

64. Aħna kkonkludejna li l-Kummissjoni ma kinitx trasparenti biżżejjed f'dak li jirrigwarda l-implimentazzjoni tal-fondi tal-UE mill-NGOs.

65. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-eliġibbiltà tal-finanzjament mill-UE ma tiddependix mill-istatus tal-NGO. Il-klassifikazzjoni ta' entità bħala NGO mhix affidabbli, peress li l-assenjazzjoni tal-istatus tagħha fis-sistema kontabilistika tal-Kummissjoni hija bbażata fuq awtodikjarazzjonijiet, u l-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni huma limitati (ara l-***paragrafi 18 sa 27***).

66. Fil-Kummissjoni kollha, ma kien hemm l-ebda sistema għar-reġistrazzjoni tal-applikanti għall-finanzjament. Barra minn hekk, id-diversi sistemi użati għar-reġistrazzjoni tal-applikanti għall-finanzjament, inklużi l-NGOs, ma kinux interkonnessi (ara l-***paragrafu 22***).

| **Rakkomandazzjoni 1 – Titjib fl-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar l-NGOs** |
|---|
| Jenħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb il-prestazzjoni tagħha u t-trasparenza tar-rappurtar tagħha dwar l-NGOs li jimplimentaw l-azzjonijiet tal-UE. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni għandha tirċievi informazzjoni xierqa u ttejjeb l-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar l-NGOs li jimplimentaw il-fondi tal-UE, li tinsab fis-sistema kontabilistika tagħha billi:<br><br>(a) tinkludi, fil-linji gwida interni tagħha dwar il-validazzjoni tal-entitajiet ġuridiċi, kriterji ċari għall-identifikazzjoni tal-NGOs fl-ABAC; |

(b) tinkludi, fi ħdan sistema unika ta’ reġistrazzjoni, ir-rekwiżit (jew il-possibbiltà, fil-każ li l-NGOs jesprimu tħassib dwar is-sikurezza) li l-applikanti għal fondi tal-UE jiddikjaraw lilhom infushom bħala NGO, filwaqt li tiddivulga l-kriterji li jkunu se jintużaw biex l-organizzazzjoni tkun tista’ titqies bħala tali.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: tmiem l-2020.

67. Fil-qasam tal-azzjoni esterna, aħna sibna li l-għażla tal-Kummissjoni fir-rigward ta’ proġetti mmexxija mill-NGOs kienet ġeneralment trasparenti. Madankollu, f’ċerti każijiet, kien hemm xi nuqqasijiet. (ara l-***paragrafi 28 sa 33***).

68. Aħna sibna li d-diversi dipartimenti tal-Kummissjoni ma applikawx il-proċeduri ta’ sottogħotjiet bl-istess mod. L-interpretazzjoni, mid-DĠ ECHO, tar-regoli dwar l-appoġġ finanzjarju li jingħata lil partijiet terzi kienet aktar ġenerali minn dik ta’ direttorati ġenerali oħra u tippermetti bosta livelli tal-implimentazzjoni ma jkollhomx limitu fuq l-ammonti li jiġu trasferiti permezz ta’ sottogħotjiet (ara l-***paragrafi 35 u 37***).

69. Il-proċeduri tal-għażla li l-korpi awditjati tan-NU applikaw għall-NGOs mhux dejjem kienu trasparenti (ara l-***paragrafi 38 u 39***).

**Rakkomandazzjoni 2 – Verifikazzjoni tal-applikazzjoni tar-regoli li jirrigwardaw is-sottogħotjiet**

Fejn l-implimentazzjoni ta’ azzjoni taħt ġestjoni diretta tkun tirrikjedi trasferiment permezz ta’ sottogħotjiet, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(a) tapplika interpretazzjoni konsistenti tar-regoli applikabbli tar-Regolament Finanzjarju fost is-servizzi differenti, filwaqt li tieħu kont tal-ispeċifiċitajiet settorjali; b’mod partikolari, fejn l-implimentazzjoni ta’ azzjoni tkun tirrikjedi appoġġ finanzjarju li jingħata lil parti terza, il-kundizzjonijiet għal dan l-appoġġ għandhom jiġu ddefiniti fil-ftehim ta' għotja f’konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tal-2018.

Meta l-korpi tan-NU jagħżlu benefiċjarji taħt ġestjoni diretta, jenħtieġ li l-Kummissjoni:

(b) tivverifika li l-korpi tan-NU japplikaw b'mod korrett ir-regoli u l-proġeduri tagħhom għall-għażla tas-sħab inkarigati mill-implimentazzjoni.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: minn nofs l-2019 'il quddiem.

70. Il-Kummissjoni mhux dejjem ġabret u vverifikat b'mod xieraq l-informazzjoni dwar l-NGOs. B'mod partikolari, dawn is-sistemi mhux dejjem ippermettew ir-reġistrazzjoni tal-fondi riċevuti mill-benefiċjarji kollha ta' kuntratti (ara l-***paragrafi 41 sa 42***).

71. Fil-qasam tal-azzjoni esterna, il-Kummissjoni ma kellhiex informazzjoni komprensiva dwar il-finanzjament riċevut u dwar l-attivitajiet imwettqa mill-atturi kollha inkarigati mill-implimentazzjoni. Dan seħħ prinċipalment fil-każ tan-netwerks ta' NGOs internazzjonali u tal-proġetti taħt ġestjoni indiretta. Barra minn hekk, fil-qafas ta' ġestjoni indiretta, in-nuqqas ta' informazzjoni disponibbli xekkel il-kontrolli mwettqa mill-Kummissjoni fuq l-ispejjeż iddikjarati (ara l-***paragrafi 43 sa 49***).

**Rakkomandazzjoni 3 – Titjib tal-informazzjoni dwar il-fondi implimentati mill-NGOs**

Jenħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb l-informazzjoni miġbura dwar l-NGOs iffinanzjati billi:

(a) tippermetti li d-diversi sistemi ta' ġestjoni tal-għotjiet jirreġistraw il-finanzjament riċevut mill-benefiċjarji kollha li jkunu kkonkludew kuntratt mal-UE, u mhux biss mill-benefiċjarju ewlieni, b'hekk din l-informazzjoni tkun tista' tintuża għal skopijiet ta' analiżi u ta' trattament;

Fil-qasam tal-azzjoni esterna, jenħtieġ li l-Kummissjoni ttejjeb it-traċċabbiltà tal-fondi billi:

(b) fil-każ ta' azzjonijiet implimentati minn netwerks ta' NGOs internazzjonali, tidentifika fis-sistemi tagħha l-entitajiet li effettivament jimplimentaw l-azzjonijiet iffinanzjati;

(c) fil-każ ta' proġetti taħt ġestjoni indiretta permezz ta' korpi tan-NU, tivverifika li tiġi pprovduta informazzjoni suffiċjenti dwar l-ispejjeż indiretti ddikjarati għall-NGOs iffinanzjati, b'hekk tkun tista' titwettaq valutazzjoni tal-ispejjeż iddikjarati mill-atturi kollha inkarigati mill-implimentazzjoni.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: nofs l-2021.

72. L-informazzjoni dwar il-fondi tal-UE implimentati mill-NGOs tiġi ppubblikata f'bosta sistemi, iżda l-informazzjoni ddivulgata hija limitata, ħlief fil-qasam tal-azzjoni esterna (ara l-***paragrafi 51 sa 56***).

73. Ġeneralment, il-Kummissjoni ddivulgat *data* dwar l-għajnuna umanitarja u l-għajnuna għall-iżvilupp f'konformità mal-istandards internazzjonali ta' trasparenza, iżda parti mid-*data* kienet tippreżenta xi dgħufijiet (ara l-***paragrafi 58 sa 60***).

74. F'ħames każijiet, il-korpi fdati tan-NU jew ma ppubblikawx il-kuntratti konklużi mal-NGOs, jew inkella ppubblikawhom biss parzjalment, u l-Kummissjoni ma vverifikatx jekk il-korpi tan-NU kinux issodisfaw dan ir-rekwiżit (ara l-***paragrafu 62***).

| **Rakkomandazzjoni 4 – Standardizzazzjoni u titjib fil-preċiżjoni tal-informazzjoni ppubblikata** |
|---|
| Jenħtieġ li l-Kummissjoni:<br><br>(a) tadotta approċċ uniformi fost is-servizzi kollha għall-pubblikazzjoni ta' informazzjoni fis-Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja, filwaqt li tiżgura li l-benefiċjarji kollha li jkunu kkonkludew kuntratt mal-UE jiġu ddivulgati, flimkien mal-ammont tal-finanzjament mogħti.<br><br>Data mmirata għall-implimentazzjoni: nofs l-2021.<br><br>Fil-qasam tal-azzjoni esterna, jenħtieġ li l-Kummissjoni:<br><br>(b) tkompli żżid il-konformità tagħha mal-istandards internazzjonali dwar it-trasparenza tal-għajnuna billi tirrapporta informazzjoni dwar ir-riżultati tal-proġetti ffinanzjati u *data* dwar il-fondi fiduċjarji tal-UE;<br><br>(c) tivverifika li l-korpi tan-NU jissodisfaw l-obbligu tagħhom li jiddivulgaw b'mod adegwat il-kuntratti li jiġu konklużi permezz ta' finanzjament mill-UE.<br><br>Data mmirata għall-implimentazzjoni: nofs l-2021. |

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla V, immexxija mis-Sur Lazaros S. LAZAROU, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-5 ta' Diċembru 2018.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Klaus-Heiner LEHNE

*President*

***ANNESS I***

## Proġetti awditjati taħt ġestjoni diretta

| | DĠ | Nru | Referenza tal-kuntratt | Titolu tal-kuntratt | Kuntrattur | Ammont (EUR) | Dati għall-implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Libanu | DĠ ECHO | 1 | ECHO/SYR/BUD/2016/91034 | Għoti ta' assistenza fi flus kontanti b'bosta skopijiet biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' refuġjati Sirjani vulnerabbli fil-Libanu | NGO internazzjonali | 31 050 000 | 1.6.2016 - 31.5.2017 |
| | | 2 | ECHO/SYR/BUD/2014/91020 | Intervent ta' emerġenza għall-persuni l-aktar vulnerabbli li huma affettwati mill-kriżi fis-Sirja (il-Fażi 4) | NGO internazzjonali | 5 500 000 | 1.7.2014 - 31.3.2015 |
| | | 3 | ECHO/SYR/BUD/2016/91024 | Assistenza ta' protezzjoni f'każ ta' emerġenza li tingħata lir-refuġjati u lill-popolazzjonijiet ospitanti li huma affettwati mill-kunflitti u mill-ispostament fil-provinċji tat-Tramuntana u ta' Beka'a, il-Libanu | NGO internazzjonali | 1 500 000 | 1.4.2016 - 30.4.2017 |
| | DĠ NEAR | 4 | 2015/364-146 | Titjib tal-provvista sikura tal-ilma u tal-immaniġġjar tal-iskart għall-popolazzjoni vulnerabbli li hija affettwata mill-kriżi fis-Sirja fin-Nofsinhar tal-Libanu | NGO internazzjonali | 2 110 823 | 17.9.2015 - 16.9.2017 |
| | | 5 | 2013/282-595 | Tnedija ta' approċċ globali fl-għoti ta' appoġġ u fl-għoti tas-setgħa lill-migranti matul iċ-ċiklu kollu ta' migrazzjoni u lir-refuġjati fil-Libanu | NGO internazzjonali | 1 914 506 | 31.7.2013 - 30.7.2016 |
| | | 6 | 2014/350-232 | L-indipendenza tal-Ġudikatura fil-Libanu: prijorità soċjali | NGO lokali | 1 000 000 | 16.10.2014 - 15.5.2018 |
| | | 7 | 2015/371-135 | L-OSĊ Libaniżi jsemmgħu leħinhom lejn żvilupp inkluživ u sostenibbli fil-qasam tal-agrikoltura u l-ambjent fit-Tramuntana tal-Libanu | NGO internazzjonali | 470 949 | 1.2.2016 - 28.2.2018 |
| L-Etjopja | DĠ ECHO | 11 | ECHO/-HF/EDF/2015/01001 | Ir-raba' Mekkaniżmu ta' Reazzjoni f'Każ ta' Emerġenza (ERM) fl-Etjopja | NGO internazzjonali | 14 000 000 | 1.1.2016 - 30.6.2017 |
| | | 12 | ECHO/-HF/EDF/2015/01025 | Distribuzzjoni urġenti ta' żrieragħ mal-Gvern tal-Etjopja (SERGE) | NGO internazzjonali | 5 000 000 | 26.5.2016 - 25.3.2017 |
| | | 13 | ECHO/-HF/EDF/2015/01017 | Reazzjoni f'każ ta' emerġenza multisettorjali għal komunitajiet vulnerabbli ta' ħames woredas (distretti) tar-reġjun ta' Afar, l-Etjopja | NGO internazzjonali | 1 500 000 | 1.3.2016 - 31.8.2017 |
| | DĠ DEVCO | 14 | 2014/343-843 | Konservazzjoni tal-Bijodiversità u tal-Funzjonijiet tal-Ekosistemi kif ukoll titjib fil-benessri tal-Komunitajiet taż-Żoni Muntanjużi u tal-Artijiet Baxxi fi ħdan l-Ekoreġjun ta' Bale | NGO internazzjonali | 5 000 000 | 9.7.2014 - 8.4.2018 |
| | | 15 | 2014/340-882 | Bini tal-Kapaċità ta' Reżiljenza u Rkupru għall-Popolazzjoni Vulnerabbli taż-żona ta' Wag Himra, ir-reġjun ta' Amhara, l-Etjopja | NGO internazzjonali | 2 000 000 | 17.4.2014 - 16.7.2017 |
| | | 16 | 2016/376-321 | Ġestjoni tar-Riżorsi Naturali Pastorali u Agropastorali kif ukoll Inizjattivi għal Għajxien (PANRMLI) | NGO lokali | 197 865 | 1.7.2016 - 31.10.2018 |
| | | 17 | 2014/341-464 | Proġett ta' Titjib tas-Saħħa Riproduttiva tal-Komunitajiet Pastorali ta' Afar | NGO lokali | 180 000 | 12.4.2014 - 11.4.2016 |

***ANNESS II***

## Proġetti awditjati taħt ġestjoni diretta

| | DĠ | Nru | Referenza tal-kuntratt | Titolu tal-kuntratt | Kuntrattur | Ammont (EUR) | Dati għall-implimentazzjoni | NGO li tibbenefika minn sottogħotjiet |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Libanu | DĠ ECHO | 8 | ECHO/SYR/BUD/2016/91010 | Provvediment ta' protezzjoni u ta' assistenza umanitarja lir-refuġjati li jgħixu fil-Libanu | Korp tan-NU | 30 000 000 | 1.4.2016 - 31.3.2017 | NGO internazzjonali u NGO lokali |
| | DĠ NEAR | 9 | 2015/367-663 | Għoti ta' appoġġ lit-tfal ta' età tal-iskola li huma affettwati mill-kriżi fis-Sirja biex ikollhom aċċess għal opportunitajiet ta' tagħlim kif ukoll biex tiġi żgurata l-kura tas-saħħa u jitnaqqsu l-vulnerabbiltajiet tat-tfal, tan-nisa u ta' dawk il-persuni li jindukraw fil-Libanu | Korp tan-NU | 37 920 556 | 1.9.2015 - 31.8.2017 | NGO internazzjonali u NGO lokali |
| | | 10 | 2015/371-621 | Tisħiħ tal-Aċċess għal Servizzi relatati mal-Mard li Ma Jitteħidx u għal dawk tas-Saħħa Mentali fil-livell tal-Kura tas-Saħħa Primarja għal Refuġjati Sirjani vulnerabbli u l-komunitajiet Libaniżi fil-Libanu | Korp tan-NU | 2 308 000 | 1.1.2016 - 31.3.2017 | NGO lokali |
| L-Etjopja | DĠ ECHO | 18 | ECHO/-HF/BUD/2015/91054 | Assistenza fi flus kontanti li tingħata lir-Refuġjati Somali, Eritreani, Sudaniżi tan-Nofsinhar u Sudaniżi, kif ukoll identifikazzjoni bijometrika tar-refuġjati | Korp tan-NU | 5 000 000 | 1.4.2015 - 31.3.2016 | NGO internazzjonali |
| | DĠ DEVCO | 19 | 2015/358-720 | Appoġġ għar-Riintegrazzjoni tal-Persuni Rimpatrijati fl-Etjopja | Korp tan-NU | 5 000 000 | 1.1.2015 - 31.12.2018 | Żewġ NGOs lokali |
| | | 20 | 2014/346-779 | Titjib tar-Reżiljenza Pastorali (PPR) permezz ta' forniment ta' servizz imtejjeb tas-saħħa tal-annimali f'żoni pastorali tal-Etjopja. | Korp tan-NU | 9 277 294 | 26.7.2014 - 25.11.2018 | Żewġ NGOs internazzjonali |

***ANNESS III***

## Valutazzjoni tal-proġetti individwali - Stampa ġenerali

| Nru tal-Proġett | Proċess tal-għażla ta' proġetti mmexxija mill-NGOs, imwettaq mill-Kummissjoni | | Proċess tal-għażla ta' NGOs, imwettaq minn partijiet terzi | | Informazzjoni dwar il-finanzjament mill-UE | | Użu li jsir mill-informazzjoni | | | Pubblikazzjoni | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Trasparenza tal-proċess tal-għażla | Valutazzjoni tal-kapaċità tas-sħab NGOs | Trasparenza tal-proċess tal-għażla | Valutazzjoni tal-kapaċità tas-sħab NGOs | Is-sistemi tal-Kummissjoni juru kif jitqassmu l-kompiti fl-attivitajiet tal-NGOs | Is-sistemi tal-Kummissjoni juru l-finanzjament riċevut minn kull NGO | L-informazzjoni tippermetti li tiġi vvalutata r-raġonevolezza tal-ispejjeż | L-informazzjoni tista' tintuża għall-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-problemi ta' implimentazzjoni | L-informazzjoni tista' tintuża għall-koordinazzjoni | Sistema ta' Trasparenza Finanzjarja | IATI | Portali oħra / Dokumenti tal-entitajiet fdati |
| 1 | Parzjalment | Iva | m/a | m/a | Parzjalment | Iva | Iva | Parzjalment | Iva | Parzjalment | Parzjalment | Iva |
| 2 | Parzjalment | Le | m/a | m/a | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Parzjalment | Parzjalment | Parzjalment |
| 3 | Parzjalment | Iva | m/a | m/a | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva |
| 4 | Iva | Iva | m/a | m/a | Parzjalment | Parzjalment | Iva | Iva | Iva | Parzjalment | Parzjalment | Parzjalment |
| 5 | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Parzjalment | Iva | Iva | Iva | Parzjalment | Parzjalment | Le |
| 6 | Iva | Iva | m/a | m/a | Iva | le | iva | Iva | Iva | Parzjalment | Parzjalment | Parzjalment |
| 7 | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Iva | Parzjalment | Parzjalment | Parzjalment |
